19 ta' Gunju, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Joseph Lanzon ne. *versus* Avukat Dr. Joseph Cassar Galea, et. ne.

**Apertura tas-Suċċessjoni — Ġurisdizzjoni.**

*Kull Qorti għandha ġurisdizzjoni fuq il-beni li jeżistu fil-limiti territorjali tagħha; u dan iġib li jistgħu jsiru diversi aperturi tas-suċċessjoni u likwidazzjoni separatament f'kull post fejn ikunu jinstabu xi beni, mingħajr ma jkun bl-ebda mod preżunt li l-partijiet ikunu qegħdin jaċċettaw bħala perfetta, kompleta u finali, ebda waħda minnhom.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur *nomine* talab li, billi Carmela Barbara, mart l-attur u oħt u zija tal-konvenuti, mietet improle u intestata fl-14 ta' Gunju 1949, kif jirriżulta mill-inkartament tad-digriet nru. 184/1950 tas-Sekond Awla ta' dina l-Qorti (dok. C); u billi l-ġid tad-decujus iddevolva skond ir-regoli tas-suċċessjoni intestata, kwantu għal terz favur l-attur, u kwantu għaż-żewġ terzi l-oħra favur il-konvenuti bejniethom; u billi l-attur ma jridx jibqa' fil-komunjoni mal-konvenuti; prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u provvediment opportun, (1) tiġi likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn l-attur u d-decujus Carmela Barbara; (2) dina l-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata tiġi diviża f'żewġ porzjonijiet ugwali, li għandhom jiġu assenjati waħda lill-attur u l-oħra lill-assi tad-decujus; (3) tiġi ordnata l-liċitazzjoni ta' l-immobili formanti parti mis-sehem tal-komunjoni ta' l-akkwisti, li jiġi assenjat lill-assi tad-decujus, billi l-immobili mhumiex komodament diviżibili bejn il-kontendenti kollha; (4) jiġi likwidat l-assi partikulari ta' l-istess decujus Carmela Barbara; (5) l-assi hekk likwidat jiġi diviż fi tliet porzjonijiet ugwali, li għandhom jiġu assenjati waħda lill-attur, u t-tnejn l-oħra f'seba' porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati waħda kull wieħed lil Paolo Pisani, Antonia Bartholomeo, Margherita Fabré, Vincenza Camilleri, Assunta Morton, Espedito Pisani, u waħda lil Salvatore, Giuseppa, u Giovanni aħwa Pisani, in rappreżentanza tal-mejjet missierhom Lorenzo, bejniethom; (6) jiġu, okkorrendo, nominati periti biex jeffettwaw il-likwidazzjonijiet u diviżjonijiet meħtieġa, nutar biex jirċievi l-att tad-diviżjoni, u kuraturi biex jirrappreżentaw

lill-kontumaċi f'dana l-att. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, kompriżi anki l-ispejjeż inkorsi fil-proċedura tad-digriet no. 184/1950 tas-Sekond'Awla ta' dina l-Qorti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-attijiet tal-kawża jidher li l-likwidazzjoni u qasma mitluba tirrigwarda l-wirt ta' Carmela Barbara, mart l-attur u zija tal-konvenuti, li mietet bla tfal u bla testment.........;

Illi l-attur Alfredo Barbara ħafna snin ilu kien iżżewweġ mad-decujus Carmela Pisani, li kienet orjunda Maltija, imma li kienet residenti fl-Eġittu. Wara li żżewġu, huma ġew igħixu għal xi żmien f'dawn il-Gżejjer, u in segwitu emigraw fl-Amerika, fejn marru jgħammru fli State of Manhattan. Wara li qagħdu hemm xi żmien, iddeċidew li jerġgħu jiġu hawn Malta sabiex joqogħdu hawn minħabba s-saħħa tad-decujus; imma, ftit qabel ma telqu, id-decujus ġiet nieqsa bla tfal u bla axxendenti, u bla testment;

Illi in forza ta' l-art. 865 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta, is-suċċessjoni tagħha tmiss in kwantu għal terz lir-raġel tagħha, u in kwantu għar-rimanenti żewġ terzi lil ħutha ndaqs bejniethom;

Ikkunsidrat;

Illi l-każ jippreżenta fattezzi speċjali mill-punto di vista legali, inkwantokkè, in bażi għall-fattijiet relatati, jista' jiġi dubitat jekk il-komunjoni ta' l-akkwisti kienetx teżisti fil-fatt f'dana l-każ, jew u jekk kienetx topera matul il-perijodu kollu kemm dam seħħ l-istess żwieġ bejn l-attur u d-decujus, minħabba il-diversi kambjamenti tad-domiċilju tagħhom. Similment jista' jiġi dubitat jekk il-liġi lokali għandhiex tirregola s-suċċessjoni tad-decujus, ladarba hija ġiet nieqsa għall-ħajjin waqt li kienet għadha l-Amerika, avvolja mietet meta kienet saret l-idea, u ġie minnhom deċiż, li huma jiġu jgħammru hawn Malta; l-għaliex huwa risaput li ordinarjament il-"lex domicilii" għandha normalment tirregola s-suċċessjoni, jew tant għall-effett u ħwejjeġ kollha, jew għall-anqas dwar l-effetti mobili. Il-partijiet, sabiex jovvjaw għal dawn id-diffikultajiet, iddikjaraw li huma ma kellhomx provi x'jipproduċu, u qalu li jaqblu illi s-sistema tal-liġi Maltija tal-komunjoni ta' l-akkwisti kellu japplika fil-każ in diżamina sa mill-bidu taż-

żwieġ tal-miżżewġin Barbara b'mod li baqa' japplika u jopera sat-terminazzjoni ta' dak l-istess żwieġ bil-mewt tad-decujus; u riedu li jkun dikjarat li fil-ġurnata tal-mewt tagħha d-decujus legalment kienet dom ċiljata f'dawn il-Gżejjer;

Illi jekk dwar l-ewwel dikjarazzjoni ma jidherx li l-probabilitajiet huma kontra tagħha, u jingħad li l-probabilità (mhux bħal possibilità) hija suffiċjenti għall-konvinċiment morali tal-ġudikant, dwar it-tieni dikjarazzjoni jista' jkun hemm xi dubju. Jingħad però li skond is-sistema Ingliż tad-Dritt Internazzjonali, segwit minn dawn il-Qrati għall-aħħar tletin sena, id-domiċilju għandu x'jaqsam biss mal-mobili, peress illi dwar l-istabili u immobili għandha tipprevali l-massima tal-"lex rei sitae"; b'mod li għalhekk l-effetti ta' dikjarazzjoni diversa ma kienux jestendu għall-patrimonju kollu;

Illi ma hemmx kwistjoni li l-attur nomine, taħt iċ-ċirkustanzi tal-prokura li għandu (ara dok. "A"), jista' jasal u jaċċetta għall-mandanti tiegħu bħala aċċertati punti ta' fatt li setgħu jkunu altrimenti jiġu mqegħdin in dubju. Mill-banda l-oħra l-kuraturi, bħala prokuraturi tal-parti li huma jirrappreżentaw, għandhom imexxu l-kawża b'mod li jkun l-aktar vantaġġjuż għar-rappreżentati tagħhom; u l-fatt ta' l-aċċettazzjoni ta' l-eżistenza tal-komunjoni u l-applikazzjoni tal-liġi lokali anzikkè liġi oħra jidhru "prima facie" fattijiet favorevoli għalihom;

Illi minn dana jiddixxendi li fil-każ in diżamina l-likwidazzjoni u diviżjoni odjerna tirriferixxi għal dawk l-oġġetti li qegħdin hawn Malta, mingħajr preġudizzju tad-drittijiet li talvolta jista' jkollhom il-partijiet interessati f'pajjiżi oħra;

Illi mix-xhieda ta' l-attur nomine jirriżulta li barra minn dawn il-Gżejjer ma hemm xejn li jista' jingħad li jidħol fil-komunjoni "de quo agitur"; iżda ma jirriżulta xejn li jeskludi illi fl-assi partikulari ta' Carmela Barbara hemm xi affarijiet illi wirtet minn għand niesha u li jinstabu barra minn dawn il-Gżejjer fil-pajjiż fejn niesha jgħixu;

Illi kull Qorti għandha l-ġurisdizzjoni fuq il-beni li jkunu jeżistu fil-limiti territorjali tagħha — dak li jġib għall-konsegwenza li jistgħu jsiru diversi aperturi tas-suċċessjoni u likwidazzjoni separatament f'kull post fejn ikunu jinstabu xi beni, mingħajr ma jkun bl-ebda mod preżunt li l-partijiet ikunu

jeghdin jaċċettaw bħala perfetta, kompleta u finali, ebda waħda minnhom fl-ipotesijiet kontemplati fuq;

Illi kwindi l-likwidazzjoni u diviżjoni li sejra ssir tirrigwarda biss l-oġġetti u ħwejjeġ — sew li hawn jinstabu, sew li jinstabu barra — li sejrin jissemmew; salvi d-drittijiet rispettivi tal-kontendenti għal dawk li ma humiex sejrin jissemmew;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi jirriżulta li taħt il-komunjoni ta' l-akkwisti tal-miżżewġin Alfredo u Carmela Barbara jidħlu l-immobili u l-mobili segwenti:—

*Omissis;*

Illi ma jirriżultax mill-provi li dana l-assi soċjali konjugali għandu xi passiv għad-debitu tiegħu; l-għaliex l-ispejjeż tal-funeral, skond il-ġurisprudenza prevalenti tagħna, għandhom imorru a kariku ta' l-assi partikulari tad-decujus (ara P.A. Ċivili 17 ta' Jannar 1935, in re "Salvatore Gatt vs. Gregorio Bugelli u iehor", Volum XXIX, P. II, paġ. 270 u ta' wara);

*Omissis;*

Illi in vista ta' dan li ntqal fuq, kwindi, il-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti "de quo dicimus" għandha tiġi limitata u ċirkoskritta għall-partiti segwenti:—

*Omissis;*

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi, l-ewwel nett, billi tiddikjara li l-immobili mdaħħla f'dina t-talba għal-likwidazzjoni u qasma ma jistgħux komodament u bla diskapitu jiġu maqsuma, u kwindi tilqa' t-tielet talba kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni għall-bejgħ in liċitazzjoni tagħhom, bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei..............; it-tieni nett, wara li tiddikjara li għar-raġunijiet fuq espressi l-ħwejjeġ immobili ġew esklużi mil-likwidazzjoni u qasma tal-lum, tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti tal-ħwejjeġ mobili ta' Alfredo Barbara u Carmela neé Pisani, miżżewġin Barbara, għall-ammont ta' £1103. 2. 1..............; tillikwida l-assi partikulari tad-decujus għall-ammont ta'.......; u għall-finijiet tal-publikazzjoni ta' l-att opportun tinnomina lin-Nutar............; riżervata lill-partijiet kontendenti kwalunkwe azzjoni "si et quatenus", jekk ikun hemm bżonn, għal

xi ħwejjeġ f'dawn il-Ġżejjer jew bnadi oħra li ma ġewx imdaħħla f'dina l-likwidazzjoni u qasma;

L-ispejjeż ta' dana l-proċess u dawk mitluba, u tal-kuntratt, kuraturi, u kuratur b'ex jirrappreżenta l-kontumaċi, jitħallsu kolħa skond ir-rispettivi interessi tal-kontendenti.